MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 482/2010

Saint James (Capua) Hospital Limited (C14713).

Vs

Kenneth McLeod.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ tmien mija, wiehed u erbghin ewro u disa u erbghin centezmu (€841.49) minghand il-konvenut, rapprezentanti prezz ta’ servizzi medici, akkomodazzjoni u medicinali moghtija lilu bejn id-dsatax (19) u l-ghoxrin (20) ta’ April tas-sena elfejn u tmienja (2008) fuq inkarigu tieghu stess, dovuta minnu skond *invoice* datata wiehed u ghoxrin (21) ta’ April tas-sena elfejn u tmienja (2008) mibghtu lilu. Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz sad-data tal-hlas effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija, wiehed u erbghin ewro u disa u erbghin centezmu (€841.49), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------